# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 174/2018

**Il-Pulizija**

**vs**

**Jonathan Attard**

Seduta tal-4 ta' Novembru, 2019

**Il-Qorti**;

Rat l-imputazzjoni dedotta kontra l-appellant, Jonathan Attard, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 423584M quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fix-xahar ta' Novembru u Dicembru 2017 u Jannar 2018 fil-Gzejjer Maltin b'diversi atti maghmulinminnek, ukoll jekk fi zminijiet differenti,kisru l-istess disposizzjoni tal-ligi u gewmaghmula b'rizoluzzjoni wahda, dawn l-atti jitqiesu bhala reat wiehed imsejjah reat kontinwat, naqas li jaghti lil Raisa Micallef, is-somma, ffisata minn dik il-Qorti jew stipulata fil-kuntratt bhala manteniment ghal uliedek fi zmien hmistax-il jum minn dak il-jum li fih, skond l-ordni jew dak il-kuntratt kellha tithallas is-somma;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tad-9 ta' April, 2018 li biha, fuq ammissjoni, sabet lill-imsemmi imputat hati tal-imputazzjoni dedotta kontra tiehgu w kkundannatu ghal xahar (1) prigunerija;

Rat ir-rikors tal-appellant, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fil-21 ta' April, 2018, li bih talab lil din il-Qorti jogghobha **tikkonferma** dik il-parti tas-sentenza fejn sabet lill-appellant hati izda **thassar u tirrevoka** l-parti tas-sentenza koncernati l-piena inflitta fil-konfront tieghu u **minflok** tinfliggi piena aktar idonea skond ic-cirkostanzi ta' dan il-kaz;

Rat l-aggravji tal-appellant;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Ikkunsidrat:

1. Illi, dan l-appell huwa limitat ghal-piena erogata mill-ewwel Qorti wara ammissjoni tal-appellant quddiem l-istess Qorti. L-appellant ghalhekk mhux qed jikkontesta is-sejbien ta' htija izda l-piena erogata. L-appellant jilmenta illi huwa kien dizokkupat fiz-zmien li fih kellu jhallas il-mantentiment dovut lill-kwerelanta u ghalhekk in-nuqqas tieghu ma kienx wiehed kapriccuz. L-inkarcerazzjoni tieghu certament ser tibqa' tipprekludieh milli jottempera ruhu mal-ordni tal-Qorti;

2. Illi fl-udjenza tal-14 ta' Gunju 2018, dan l-appell kien dikjarat dezert fit-termini tal-artikolu 422 tal-Kodici Kriminali stante n-nuqqas tal-appellant li jidher quddiem din il-Qorti minkejja li kien debitament notifikat. L-appell rega tqieghed fuq il-lista tas-smiegh tal-kawzi wara rikors appozitu u kien differit ghal data ohra fuq talba tal-appellant bl-iskop li jirregola l-pendenza tieghu. Fl-udjenza tal-5 ta' Novembru, 2018 l-appell thalla ghas-sentenza ghal 31 ta' Jannar 2019 b'dan illi f'kaz ta' hlas tal-manteniment dovut, il-Qorti kellha tkun infurmata biex tikkonsidra dan fid-decizzjoni taghha. Gara, izda illi wara differiment fuq ordni tal-Qorti, fl-udjenza li fiha kellha tinghata s-sentenza fil-25 ta' Frar, 2019, il-partijiet talbu differiment peress illi kien hemm il-possibilita li jitransigu l-pendenzi ta' bejniethom u ghalhekk l-appell kien differit ghall-ahhar darba ghat-28 ta' Marzu, 2019 u minn hemm ghas-6 ta' Mejju, 2019 wara talba ohra bl-istess raguni;

3. Din is-sitwazzjoni pperdutat sakemm l-appellant baghat jinforma li kien marid. Wara differiment iehor, l-appellant ma kienx deher peress illi ma kienx notifikat u wara l-udjenza fejn irrizulta sussegwentement notifikat, l-appell tieghu rega kien dikjarat dezert. L-appell rega tqieghed fil-lista ta' smiegh wara rikors fit-termini tal-artikolu 422 Kapitolu 9 u ghall-dik l-udjenza rega' ma kienx notifikat. L-appellant izda, kien notifikat ghas-seduta tal-lum u ma hemm ebda informazzjoni derivanti minn ebda wahda mill-partijiet li l-appellant issalda l-obbligu tieghu.

4. Illi ghalhekk l-appellant ghadu ma hallasx dak il-manteniment iffissat mill-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) ghall-ghixien tal-wild tieghu u dan dwar ammont li jmur lura sas sena 2017;

5. Illi din il-Qorti, jidrilha li l-imputat ma gharafx jiehu l-opportunita' tal-eccezzjoni li ghamlet b'differiment wara l-iehor biex jissalda dan l-obbligu. Ma jirrizultax li l-imputat hu afflitt b'xi kundizzjoni li tinibieh milli jahdem bi qligh u ghalhekk ma tistax din il-Qorti tifhem kif minn dak iz-zmien sal-lum ghadu ma hallasx imqar somma akkont tal-ammont dovut. Inghad kemm il-darba minn dawn il-Qrati illi l-paraguni huma odjuzi u ghalhekk muhiex il-kaz li din il-Qorti toqghod tqabbel kaz ma' iehor biex tara ghaliex il-piena f'kawza kienet temprata jew le. Kull kaz ghandu jkun deciz fuq il-mertu tieghu u fil-kaz odjern, dak li l-imputat esprima bhala gravam, igifieri li ma hallasx ghaliex ma kienx f'qaghda finanzjarja jaghmel dan dakinhar tas-sentenza tal-ewwel Qorti ma jistghax ma jitqiesx li hija raguni fierha da parti tieghu, llum wara dan iz-zmien kollu li fih kien dovut ihallas ta' dan il-manteniment;

6. Inoltre, kif kostantement ritenut mill-Qorti, ammissjoni da parti ta' imputat ma tintitolahx ghal-xi tnaqqis fil-piena b'mod awtomatiku. Inghad ukoll b'mod kostanti li din il-Qorti ma tissostitwix id-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti kwantu l-piena erogata sakemm dik il-piena tkun fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x'jiddimostra li l-piena kellha tkun anqas jew aktar minn dik kominata. Din il-Qorti ma tara ebda raguni ghaliex ghandha b'xi mod tiddisturba d-diskrezzjoni ezercitata mill-ewwel Qorti fl-erogazzjoni tal-piena. Inoltre, ma hemm l-ebda lok ghal temperament fil-piena naxxenti minn dewmien fid-determinazzjoni ta' dan l-appell stante li dak id-dewmien kien dovut unikament ghall-imputat li, seduta wara l-ohra, wieghed li ser jissalda l-obbligu tieghu;

7. Ghal dawn ir-ragunijiet, l-appell qed ikun michud.